MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru. 127/2013

Il-Pulizija
(Sp Godwin Scerri)
vs
Jeffrey Zammit, iben Anggelo, imwieled Pieta’ fil-31 ta’ Awwissu, 1971, karta ta’ l-identita’ numru 396771(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-3 ta’ Frar, 2013 minn ġewwa l-foss ta’ Notre Dame fil-Floriana, ikkometta serq ikkwalifkat bil-valur għad-dannu tal-kumpanija Go plc;
2. talli kkaġuna volontarjament, ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ diversi oġġetti u ħwejjeġ, liema ħsara tiskorri l-valur ta’ €1,164.69 għad-dannu tal-kumpanija Go plc;

3. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;
4. talli naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu, fid-digriet datat 10 ta' Novembru, 2008, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;
5. talli f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil Jeffrey Zammit bħala reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ħsara li saret lis-soċjeta' hawn fuq imsemmija hi ta' €500.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267, 279(a), 325(1)(b), 338(ee) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artikoli 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' ħames mitt euro (€500) lill-kumpanija GO plc fi żmien xahrejn mil-lum. Minbarra dan, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------